

# Ir-Rewwixta tal-Qassisin



*minn Louis Fenech*

Tajjeb li wieħed jibda billi jagħti stampa tal-qagħda tal-Maltin fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, u r-raġunijiet x'wasslu għad-disgwid u finalment għar-rewwixta tal-qassisin.

Wieħed jista' jgħid li l-Maltin ma ħadu gost xejn bil-miġja tal-Kavallieri. Għalkemm magħhom il-kavallieri għal-ewwel ġabu l-ġid. Iżda maż-żmien bdew juru li huma jikmandaw u qajla riedu min jindaħlilhom fit-tmexxija tal-Gżejjer Maltin.

Dan jixhdu aktar meta sabu li dawn kienu iebsin ħafna magħhom speċjalment meta ħadulhom il-poter mingħand l-*Università* – dak iż-żmien il-gvern – u din is-sitwazzjoni kienet ħolqot tenzjoni u ħafna argumenti bejn it-tnejn.

Din kienet daqqa ta' ħarta għan-nobbli Maltin, għaliex sa dawk iż-żminijiet il-Maltin kienu jgawdu ċerti privileġġi mgħoddijin lilhom mir-Re ta' Aragon u dak ta' Sqallija. Tajjeb iżda wieħed ikun ġust u jgħid li, minħabba l-attakki għal għarrieda tat-Torok is-sigurtà tal-gżejjer riedet tkun ikkontrallata minn sors wieħed.

Il-Maltin sabu li kienu ggvernati b'id tal-ħadid mill-Kavallieri, u għalhekk raw kif għamlu u ndhiesu huma u l-proprjeta tagħhom taħt il-protezzjoni tal-Isqof jew ta' l-Inkwiżitur. Hawnhekk issa naraw li kellna tlitt awtoritajiet – dak ta' l-Inkwiżitur li kien jirrappreżenta lill-Papa, u li kien jgħasses fuq it-tnejn l-oħra; dak ta' l-Isqof li kien jirrappreżenta lill-knisja, u dak tal-Gran Mastru li kien jirrapreżenta l-Ordni ta' San Ġwann. Dawn it-tlieta kellhom il-qorti u l-ħabs tagħhom, impjegati u privileġġi u l-ebda alleanza ma setet tidħol fuq l-oħra. U din is-sitwazzjoni bilfors li kienet iġġib l-inkwiet. It-tlieta kienu reliġjużi u t-tlieta kienu jappellaw Ruma meta jinqala' xi disgwit bejn parti jew oħra li ma kienx ikollu ftehim.

Din is-sitwazzjoni ħolqot preċident li l-Ordni kellha tiġġilidu kontinwament – l-immunita. Jekk wieħed iżur xi waħda minn dawn il-knejjes tal-kampanja għadu jara irħama ma' ġenb il-bieb li fuqha hemm miktub *Non Gode Immunita Ecclesiatia*. Din kienet tfisser li jekk xi ħadd li jkun ħarab mill-iskjavitù, mill-ħabs jew xi galera, kien ifittex refuġju f'dawn il-knejjes, u b'hekk l-awtorità ċivili ma jkunx ikollha il-jedd li toħorġu minn hemm u tipproċessah. Dan il-jedd kienet daħlitu Ruma – bi ftehim mar-renjanti Ewropej – biex tipproteġi li dawk li jkun taħt il-protezzjoni jew tal-Isqof jew inkella tal-Inkwiżitur. Barra minn hekk ħafna nies li għal kull ħaġa ta' xejn kienu jiġu ttorturati, mixħutin il-ħabs jew ikkundannati għall-mewt, meta kien jirnexxilhom jaħarbu mill-miżerja li kienu jinsabu fiha, kienu jfittxu dawn il-knejjes tal-kampanja għaliex fihom kien isibu l-kenn

dewwiemi, u l-awtoritajiet ċivili ma kienux jistgħu joħorġuhom minn dawn il-knejjes.

Il-knisja permezz tal-Isqof sabet li l-uniku soluzzjoni kienet li toħloq ħafna kjeriċi. Dawn kellhom privileġġi li barra l-awtoritajiet ċivili ma kellhomx il-jedd fuqhom, kienu ħielsa milli jagħmlu l-għassa u jittelgħu il-qorti. U minn dawn l-isqof kien ħatar ħafna. Il-kjeriċi kienu speċi ta' qassisin li kienu jilbsu s-suttana u anke jkollhom it-tonsura. Dawn kienu biss jgħinu fix-xogħol tal-knisja, iżda ma jamministrawx is-sagramenti. Minn dawn kien hemm anke miżżewġin. L-Inkwiżitur ukoll kellu nies li talbu l-protezzjoni tiegħu. Dan kien joħorġilhom "*patente*" bħal liċenzja li turi li dan kellu l-protezzjoni tal-Inkwiżitur, u kien meħlus u bl-istess privileġġi tal-kjeriċi.

Iżda l-problema inħolqot meta il-kriminali, biex jeħilsu mill-qorti ċivili, kienu jidħlu f'dawn il-knejjes. L-awtoritajiet tal-gvern ċivili ma kellhomx il-jedd li jidħlu għalihom biex jipproċessawhom. U dan kien l-aktar punt li l-Ordni kienet tipprotesta fuqu ma' Ruma. Il-Papa, f'Settembru 1776, bi ftehim ma' Spanja u Franza, kien ippreżenta *Motu Proprio*, li fih naqqas ħafna mill-privileġġi tal-immunità tal-ħafna knejjes li kien hawn. Kien ordna lill-Isqfijiet biex ma jordnawx kjeriċi aktar milli kellhom bżonn. U kien ta ukoll is-saħħa lill-awtoritajiet ċivili, bl-approvazzjoni tal- awtoritajiet tal-knisja, il-jedd li joħorġu dawn il-kminali minn dawn il-knejjes u jipproċessawhom fil-qrati tagħhom, iżda ma kellhomx il-jedd li jikkundannahom għall-mewt.

Għalhekk wieħed jista' jifhem l-inkwiet u d-disguit li kien jeżisti. Dan l-inkwiet kollu beda fir-renju tal-Gran Mastru Pinto. Pinto kien bniedem li ried jaħkem b'id tal-ħadid. Nefaq il-kaxxa tat-teżor għax ried li jkun bħar-renjanti Ewropej. Għamel ħafna taxxi, fosthom għolla l-prezz tal-qamħ, u anke ħa mill-fondi tal-*Universita*. Ried ukoll jaqta' mill-privileġġi tal-knisja u tan-nobbli Maltin, u jneħħi l-immunita' li kellhom il-knejjes. Dawn u ħafna aktar ħolqu ħafna nkwiet u tenzjoni li bdiet tissemma li ser tqum xi rewwixta. Il-Maltin iddejqet, tant li fl-1772 kien hemm ħsieb li l-Maltin iqumu fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Iżda kellu jitħassar kollox għaliex miet il-Gran Mastru Pinto..

Il-Maltin ikkalmaw meta saru jafu li l-Gran Mastru l-ġdid kien Ximenes. Huwa wiegħed li ser iwettaq riformi fl-amministrazzjoni tal-pajjiż u jraħħas il-ħajja. Iżda meta ra li flus ma kellux, għax Pinto nefaq kollox, kellu jibla' dak li wiegħed. Biex tkompli tagħqad, ipprojbixxa il-kaċċa tal-fenek biex jagħti żmien jitkattru. L-Isqof Pellerano pprotesta ma' Ximenes għax il-fniek issa daħlulu fir-raba' u bdew jiklulu kollox. Ximenes taħ il-premess li jikkaċċja l-fniek. Il-kleru ħa l-opportunita u għamel bħal l-Isqof. Ximenes ipprotesta ma' l-Isqof fuq dan. Dawn u ħafna aktar wassal biex kemm il-kleru kif ukoll il-poplu ma felaħx aktar għal din is-sikkatura.

U hawn beda jinħema l-irvell. Il-mexxejja ta' dan l-irvell kienu Dun Gejtanu Mannarino u Dun Ġużepp Zahra. Magħhom ingħaqdu madwar 24 ruħ bejn kjeriċi, qassisin u anke parti mill-poplu. L-irvell kellu jkun fid-9 ta' Settembu fil-festa tal-Vitorja meta l-kavallieri jkunu għajjenin mix-xalar ta' din il-Festa, li kienet ikkommemora ir-rebħa fuq it-Torok.

Id-9 ta' Settembru 1775 waslet u l-irvell beda, iżda n-numru li kellhom jieħdu sehem kien biss fuq biċċa karta għaliex meta wasal il-waqt il-mexxejja tal-irvell ma sabux l-għanuna li ħasbu għandhom. Intant, parti mill-ġgajda – xi seba' qassisin u ħames





kieriċi, ħabtet għal Sant Iermu. Hawn daħlu kmieni fil-għadu, mmexxijin minn Dun Gejtano Mannarino, bl-għanuna tal-kapural tal-Forti. Il-gwardjani ħaduhom għal għarrieda u qafluhom f'ċella. Ġgajta oħra rnxxiela tiftaħ il-bibien tal-fortizza ta' San Ġakbu bi ċwievet foloz. U fuq iż-żewġ postijiet tniżżlu l-bnadar tal-Ordni, u ttellgħu bnadar ħomor imberfla bid-deheb tal-Kunsill Popolari biex juru li qamu kontra l-Ordni ta'San Ġwann.

Hekk kif sema' Ximenes bl-irvell, laqqgħa il-Kunsill u mill-ewwel bdew jittieħdu l-passi meħtieġa. Ġie nfurmat li l-irvell kien biss il-belt għax l-Imdina u l-irħula kienu kollha kwieti.

Ir-ribelli sparaw xi tiri minn Sant Iemru, Ximenes ried ikun jaf l-għan wara dan l-irvell. Hawn talbu l-għajnuna tal-Vigaru Generali, li mill-ewwel għamel kuntatt magħhom fejn kellhom jagħmlu bil-miktub l-għan tal-irvell. Fost affarijiet li riedu, ir-ribelli riedu li l-Gran Mastru jraħħas il-qamħ, ħelsin minn xi kastigi kif ukoll li l-privieġġi tal-Maltin jiġu rispettati. F'dan il-waqt inqala' xi konfużjoni fejn ġew sparati xi tiri miż-żewġ naħat, u anke ntlaqat il-palazz tal-G.M. Ir-ribelli ma ridux jgħidu bil-miktub x'riedu, għaliex insistew li jiltaqgħu u jkellmu mal-awtoritajiet dwar ix-xewqa tagħhom.

L-irvell tal-qassisin ma rnexxiex għaliex dawk li wegħdu l-għajnuna ma ħarġux jagħtu daqqa t'id kif kienu wegħdu. Jidher ukoll li l-irvell ma kienx ippjanat tajjeb tant li mill-ewwel kellhom iċedu għaliex il-Miliżja, flimkien mal-Kavallieri daħlet għar-ribelli u għelbithom. Flok ġew mixlija quddiem il-qorti ta' l-Isqof, kif kien mistenni, ġew mixlija fil-qorti tal-Gran Mastru. Dan l-episodju spiċċa billi tlieta mir-ribelli, fosthom Dun Ġużepp Velastri, qatgħulhom rashom u dendluhom ma' bieb tas-sur ta' San Ġakbu. Disa' oħra ġew eżiljari lejn Sqallija. Dun Mannarino spiċċa l-ħabs flimkien mal-kjeriku Ġużeppi Dimech, it-tnejn li kienu magħdudin bħala l-mexxejja tar-rewwixta.

Għalanqas, ir-rewwixta serviet biex bdiet tirrenja l-kalma u biex il-Maltin jersqu iżjed lejn il-qassisin. De Rohan, il-Gran Mastru wara Ximenes, għamel taqliba sħiħa fl-amministrazzjoni. Ħeles ħafna priġunieri. Il-kaċċa għall-fenek ġiet għan-normal; qassam flus lill-foqra u għamel dak kollu meħtieġ biex tintemm it-tilwima mal-knisja, billi sejjaħ Kapitlu Ġenerali biex jinstab mod kif tintemm it-tilwima bejn il-Knisja u l-Kavallieri. Ħalla lill-kbarat Maltin jieħdu sehem fil-festi li jsiru fil-palazz. Bil-ftehim ma' Ruma, u bil-kuntentizza wkoll tal-knisja Maltija, il-knejjes li kienu jgawdu l-immunita naqsu ħafna. Jidher li l-Maltin issa bdew jgħixu ħajja aktar trankwilla.

*Jekk wieħed jinteressah dan l-episodju li seħħ waqt li kien hemm żewġ Gran Mastri, jista' wieħed jikkonsulta ir-rakkont tant intesiv u dettaljat ta' Dun Philip Callus, bil-ktieb tiegħu* **The Rising of the Priests – Its Impications and Repercussions**. *Jiena irriferejt għalih biex ġibtilkom din il-ġrajja.*

